MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2109/2003

**Cassar & Cooper (SRI) Ltd**

**vs**

**Edward Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' wiehed u disghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm91.58) prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Jannar, 2004, fejn intqal: Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-eccipjenti ma ghandu jhallas xejn lis-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Cauchi u Stephania Conti. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi Anthony Cauchi accountant mas-socjeta` attrici kkonferma l-invoice esebita a fol.2 tal-process, u jikkonferma li kien ghadda kopja lill-konvenut. L-invoice tirrigwarda mportazzjoni li s-socjeta` attrici ghamlet ghall-konvenut.**
**2. Stephania Conti tikkonferma li l-konvenut kien cempel biex jimporta xi xoghol mill-India, u fil-fatt dan ix-xoghol ingieb. Il-konvenut kellu jhallas il-bond charges, port charges u terminal handling charges u dana kif indikat fl-invoice fl-ammont reklamat. Il-konvenut baqa' ma hallasx. Ghalhekk jirrizulta li l-ammont huwa dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u disghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm91.58), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Dicembru, 2003 sal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-iltra ufficjali, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------